# Stqarrija

**Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li d-deroga ta’ Malta għall-insib tal-għasafar tal-għana mhix skont il-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja**

BirdLife Malta tilqa’ l-kjarifika li rċeviet mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-hekk imsejħa *“deroga ta’ riċerka”* ta’ Malta għall-insib tal-għasafar tal-għana.

F’ittra indirizzata lill-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana, il-Kummissjoni Ewropea kkonfermat li l-Kummissarju Jessika Roswall ma approvatx il-qafas ta’ deroga ta’ Malta waqt il-laqgħa li kellha mal-Ministru Clint Camilleri fit-15 ta’ Ottubru 2025. Minflok, il-Kummissarju talbet aktar informazzjoni dwar kif l-awtoritajiet Maltin biħsiebhom jimplimentaw bis-sħiħ is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (C-23/23).

Il-Kummissjoni temfasizza li l-ittra ta’ avviż formali mibgħuta lil Malta fi Frar 2025 għadha fis-seħħ u bħalissa qed tivvaluta d-deroga l-ġdida adottata fit-17 ta’ Ottubru 2025. Hija żiedet tgħid li jekk il-liġi tal-UE ma tiġix osservata, il-Kummissjoni tista’ terġa’ tressaq lil Malta quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

BirdLife Malta tqis dan bħala kjarifika ċara li l-Kummissjoni Ewropea ma approvatx u lanqas ma approvat b’mod indirett, id-deroga ta’ Malta, li tikser b’mod ċar il-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 September 2024.

Kemm l-istaġun tal-hekk imsejjaħ riċerka tas-sena l-oħra kif ukoll dak li huwa miftuħa bħalissa, qed iwassal biex jiggrava l-pożizzjoni ta' Malta quddiem l-Unjoni Ewropea bi ksur ċar tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar u tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2024.

BirdLife Malta ttenni li l-Gvern Malti falla b'din l-iskuża tar-riċerka biex ikompli l-insib tal-għasafar tal-għana li suppost kellu jieqaf kif kien iddikjarat bis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ġunju tal-2018.

Kopja tal-ittra tal-Kummissjoni Ewropea hija mehmuża ma’ din l-istqarrija.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
All above board for 'finch research season': Clint Camilleri
February infringements package: key decisions

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Għasfur tal-għana f'gaġġa f'Marsaskala_BirdLife Malta

**Filmati:**
1. https://www.facebook.com/reel/1333432955246685